


**Abbozz ta' dikjarazzjoni ta' Malta dwar It-turiżmu u t-trasport mill-Grupp PPE fi ħdan il-KtR**

**Titlu: It-tisħiħ tat-turiżmu u t-trasport għal Ewropa sostenibbli u koeżiva**

---

## 1. Introduzzjoni

It-turiżmu u t-trasport huma l-pedamenti tan-nisġa ekonomika u soċjali tal-Ewropa, u jrawmu l-iżvilupp lokali u reġjonali, l-iskambju kulturali, u l-konnettività. Aħna naffermaw mill-ġdid l-importanza strateġika tagħhom fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni territorjali u t-tkabbir sostenibbli.

Bħala rappreżentanti tal-irħula, il-bliet u r-reġjuni tal-Ewropa, nenfasizzaw il-ħtieġa ta' approċċi innovattivi u olistiċi biex jiġi indirizzat l-impatt tat-tibdil fil-klima, jiġu appoġġjati l-komunitajiet lokali u tissaħħaħ il-kollaborazzjoni transfruntiera u, fl-istess ħin, jiġu żgurati r-reżiljenza u l-inklużività tas-setturi tat-turiżmu u tat-trasport tagħna.

---

## 2. It-turiżmu: xprun tal-koeżjoni reġjonali

It-turiżmu jikkontribwixxi għal aktar minn 10 % tal-PDG tal-UE, li jixħet dawl fuq ir-rilevanza ekonomika u soċjali tiegħu. Madankollu, is-settur irid jadatta għal imġiba turistika li qed tinbidel, influwenzata mit-tibdil fil-klima, u jeħtieġ ukoll li jiddiversifika lil hinn mill-hotspots tradizzjonali. Il-prijoritajiet ewlenin jinkludu:

- **It-tkabbir sostenibbli:**
  Il-ħolqien ta' konnessjonijiet ġenwini mal-komunitajiet lokali huwa kritiku biex jitrawwem it-turiżmu sostenibbli. Jinħtieġ approċċ ibbilanċjat biex tingħata prijorità lill-kwalità fuq il-kwantità, b'mod partikolari f'żoni li qed jiffaċċjaw turiżmu eċċessiv, biex tiġi protetta l-kwalità tal-ħajja tar-residenti u jiġu ssalvagwardjati l-assi ambjentali.
- **Il-promozzjoni ta' reġjuni li jattiraw inqas viżitaturi:**
  Billi nixħtu dawl fuq l-assi naturali u kulturali uniċi tal-Ewropa, nistgħu nattiraw viżitaturi lejn żoni mhux esplorati biżżejjed, u b'hekk il-flussi tat-turiżmu jiġu distribwiti mill-ġdid u tittaffa

MT

l-pressjoni fuq id-destinazzjonijiet popolari. Kooperazzjoni territorjali msaħħa ser tiżgura benefiċċji ekwi fir-reġjuni kollha tal-UE.

- **Governanza mmexxija mid-data:**
  Data affidabbli dwar ix-xejriet tat-turiżmu, inklużi l-kirjiet għal żmien qasir, hija vitali biex l-awtoritajiet pubbliċi jkollhom l-għarfien kollu għad-dispożizzjoni tagħhom biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati. L-investimenti fis-sistemi tad-data ser jippermettu ġestjoni aħjar tar-riżorsi u jtaffu l-impatti negattivi.
- **It-tmexxija tal-UE fil-politika tat-turiżmu:**
  Aħna nappoġġjaw linja speċifika għat-turiżmu fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ta' wara l-2027, u nappellaw biex titfassal strateġija komprensiva tal-UE biex jissaħħaħ it-turiżmu reżiljenti u sostenibbli.

---

## 3. It-trasport: nikkolleggaw il-lokalitajet u r-reġjuni tal-Ewropa

L-infrastruttura tat-trasport hija essenzjali għal suq intern li jiffunzjona tajjeb u għandha impatt dirett fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Huwa kruċjali li titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment annwali stmata ta' EUR 130 biljun għall-immodernizzar u l-espansjoni tan-networks tat-trasport fl-Ewropa.

- **Mekkaniżmi ta' finanzjament inklużivi:**
  Għodod ta' kooperazzjoni ssemplifikati u inizjattivi transfruntiera, inklużi sħubijiet reġjonali fl-ippjanar tat-trasport, ser jibbilanċjaw l-opportunitajiet ekonomiċi mal-konservazzjoni ambjentali.
- **Sħubijiet għall-koeżjoni:**
  Is-saħħa tal-politika ta' koeżjoni tinsab fis-sħubijiet. Jekk nagħmlu l-aqwa użu mid-diversità reġjonali tal-Ewropa, niżguraw riżultati inklużivi u sostenibbli.
- **It-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali:**
  L-aċċellerazzjoni tal-investiment fl-elettromobbiltà, filwaqt li titqies in-newtralità teknoloġika u jiġu żgurati l-infrastruttura meħtieġa, it-trasport li jaħdem bl-idroġenu u l-infrastruttura diġitali, tallinja s-sistemi tat-trasport mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, tnaqqas l-emissjonijiet u ttejjeb l-effiċjenza. Aħna nappoġġjaw investimenti f'modi alternattivi ta' trasport, bħall-korsiji għaċ-ċikliżmu u żoni urbani li fihom tingħata prijorità lill-persuni mexjin.
- **Ħadd ma jitħalla jibqa' lura:**
  Jeħtieġ li r-reġjuni rurali u insulari jingħataw prijorità biex jiġi żgurat aċċess ekwu għas-servizzi tat-trasport. L-investiment f'dawn iż-żoni ser isaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika tagħhom u jiggarantixxi d-"dritt tar-residenti li jibqgħu fiż-żona".

---

## 4. Il-governanza f'diversi livelli u l-governanza tajba

- **L-involviment reġjonali:**
  L-awtonomizzazzjoni tal-awtoritajiet reġjonali u lokali fit-teħid tad-deċiżjonijiet tiżgura li l-proġetti tat-trasport jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' komunitajiet partikolari filwaqt li jrawmu l-koeżjoni territorjali.
- **Ir-responsabbiltà u l-bini tal-kapaċitajiet:**

Nenfasizzaw l-importanza tat-trasparenza u r-responsabbiltà fil-ġestjoni tal-fondi pubbliċi. Governanza tajba ssaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini u tiżgura allokazzjoni effiċjenti tal-fondi.

---

## 5. Sejħa għal azzjoni

Il-Grupp PPE fi ħdan il-KtR iħeġġeġ lill-Kummissjoni li jmiss:

1. **Tindirizza d-diskrepanza fl-investiment fit-trasport:**
   Tiżviluppa mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi, inkluż il-finanzjament pubbliku-privat, u ssaħħaħ is-sħubijiet mal-awtoritajiet lokali u reġjonali biex il-fondi jintużaw b'mod effiċjenti.
2. **Tiżviluppa strateġija tal-UE speċifika għat-turiżmu:**
   Tirrikonoxxi r-rwol kritiku tat-turiżmu fil-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u tippromovi baġit apposta għat-turiżmu fil-QFP ta' wara l-2027 bil-għan li jappoġġja politiki sostenibbli u reżiljenti.
3. **Trawwem il-kollaborazzjoni:**
   Timpenja ruħha li taħdem mill-qrib mal-istituzzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati tal-UE biex tiżgura li jintlaqgħu l-fehmiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, u b'hekk jiġu indirizzati l-isfidi li għandhom impatt dirett fuq l-ekonomija u l-kwalità tal-ħajja fil-komunitajiet.

Permezz ta' dawn il-miżuri, nistgħu nisfruttaw il-potenzjal tat-turiżmu u t-trasport biex nibnu Ewropa sostenibbli, koeżiva u prospera.

**Adottata mill-Grupp PPE fi ħdan il-KtR fit-3 ta' Diċembru 2024.**